**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 112/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**vs**
**Noel Apap**

**Illum 25 ta' Lulju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Noel Apap detentur tal-karta tal-identita' 526972M;

Akkuzat talli:

1. Nhar il-15 ta' Dicembru 2014 f'xi hin gewwa l-Hamrun, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Sadem Alhamid u/jew persuni ohra u cioe' vettura tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni HBO 515, liema hsara jammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250), u dan bi ksur tal-Artikolu 325 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Il-Qorti giet gentilment mitluba saiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Sadem Alhadmid u Alhamed Ahmad u l-familjari taghhom, ir-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 30 ta' Awwissu, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, okkorrenza, stima, ircevuta, dokument, erba' ritratti u stqarrija ta' Noel Apap.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' lill-Ispettur Sarah Magri u lil WPS 224 Suzanne Mifsud.

**L-Ispettur Sarah Magri** tghid li kien dahlilhom rapport l-Ghassa tal-Hamrun minn certu Sladem Al Hamid li kien ma' Alhamed Ahmed fejn dawn allegaw li sabu xi hsara fil-vettura taghhom Honda Accord HBO 515 li kienet ipparkjata l-*car park* il-Hamrun, u li tali rapport kienet haditu s-Surgenta 224. Hija kompliet tghid li wara, l-vittmi kienu gabu wkoll stimi tal-hsarat u li s-Surgenta kienet gabret informazzjoni fuq il-karozza mil-*car park* kif ukoll hadet il-filmat tas-CCTV fejn minnu hargu *stills* li juru persuna tavvicina l-karozza u anke' dahal fil-vettura. L-Ispettur Magri ziedet tghid li hija ghajtet lil Noel Apap nhar is-7 ta' Jannar 2015 fejn haditlu stqarrija, li huwa ghazel li ma jiffirmax, fejn huwa stqarr li kien avvicina l-karozza ghaliex kienet ipparkjata fuq *parking space* tad-*disabled* u kulma ghamel ghollielha l-*wipers*.

**WPS 224 Suzanne Mifsud** stqarret li nhar is-16 ta' Dicembru 2014 kien gie Ahmed Al Hamed jirraporta li lejliet kien ipparkja l-karozza fl-ewwel sular tal-parkegg tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun u x'hin mar lura sab il-*wiper* imkissra u ftit grief maz-zewg bibien tan-naha tal-passiggier. Hija ziedet tghid li minn stharrig li ghamlet irrizulta li l-kameras m'humiex tal-kunsill izda tal-MCP, li jmexxi dan il-parkegg, fejn wara li talbithom il-filmat, huma tawha l-filmat flimkien ma' ritratti u d-dettalji tal-persuna, Noel Apap, li ghamel dan ir-reat.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi din f'din il-kawza l-prosekuzzjoni naqset li ttellgha lil Sadem Alhamid li tieghu hija l-vettura HBO 515, il-persuna li kellu se mai jikkonferma bil-gurament li vera saret il-hsara u ghal-liema vettura u ta' liema valur. Ix-xhieda li taw l-ufficcjali tal-Pulizija huma biss *detto del detto* u l-Qorti ma tistax toqghod fuq dik it-tip ta' xhieda ladarba l-prova li trid tingieb f'din l-Qorti hija dik ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**